MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2011

Numru. 1392/2011

Il-Pulizija
(Sp Raymond Aquilina)
vs
George Mallia, iben Joseph, imwieled Pieta' fis-6 ta' Settembru, 1964, Karta ta' l-Identita numru 466364(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli f'Birkirkara u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, f'Ottubru, 2010 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
a. wettaq kummerċ bankarju jew ta' ħruġ ta' flus elettroniċi f'Malta jew minn Malta meta ma kienx kumpanija liċenzjata taħt l-Att dwar il-Kummerċ bankarju

mill-awtorita' kompetenti skont l-artikolu 5 tal-kapitolu 371 tal-Liġijiet ta' Malta u l-A.L. 155 ta' l-1999 emendat bl-A.L. 385 ta' l-2003;

2. talli f'Birkirkara u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, f'Ottubru, 2010 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti, ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

a. wettaq kummerċ ta' istituzzjoni finanzjara f'Malta jew min Malta u dan skkont l-artikolu 3 ta' l-Att dwar Istituzzjoni Fionanzjarja u l-A.L. 357 ta' l-2002 emendat bl-A.L. 386 ta' l-2003 billi nnegozja fi strumenti ta' suq finanzjarju kif ukoll fi strumenti oħra finanzjarji li jistgħu jiġu trasferiti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terżi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u il-proprjeta mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lilu jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma proprjeta tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra tiddisponi minn xi proprjeta mobbli jew immobbli skont l-artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika d-dispozizzjoni ta' l-artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skont il-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oħħetti kollha eżebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skont il-liġi, tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali skont l-artikolu 22(5) ta' l-Att ta' l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kapitolu 376

tal-Liġijiet ta’ Malta, fejn ta l-kunsens tiegħu biex jittieħdu passi kriminali kontra l-imputat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali skont l-artikolu 35(8) ta’ l-Att ta’ l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju, Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta’ Malta, fejn ta l-kunsens tiegħu biex jittieħdu passi kriminali kontra l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Diċembru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat illi s-somma ta’ €46,587 hi soġġetta għal konfiska.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 371 tal-Liġijiet ta’Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 376 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ erba’ telef euro (€4,000). Minbarra dan tordna l-konfiska tas-somma ta’ €46,587 favur il-Gvern ta’ Malta. Tordna wkoll id-distruzzjoni ta’ l-oġġett eżebit. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti f’dawn il-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------